

# Mikiel Anton Vassalli (1764 – 1829)



**Tagħrif Qasir miġbur minn Philip Balzan**

Malti li ġie qabel żmienu, li ħadem ħafna biex il-Malti u Malta jiksbu għarfien u rispett. Patrijott sfortunat li bata ferm tul ħajtu minħabba l-fehmiet tiegħu. Kien ukoll meqjus bħala wieħed mill-ftit għorrief ta' żmienu f'Malta u f'Ruma.

Twieled Ħaż-Żebbuġ fil-5 ta' Marzu 1764 minn Grabiel u Katarina[1], il-fustani fost tlett aħwa, Marija Marcella, ftit aktar minn sentejn ikbar minnu, u Filippu Saver ftit inqas minn sentejn iżgħar[2]. Kien għad għandu sentejn meta tilef lil missieru u erba' snin wara ommu reġgħet iżżewġet, iżda ma kellhiex aktar ulied.

Sa ma kellu sbatax kien jaf biss bil-Malti, li jfisser li ma kienx mar skola, għax kieku kien jitgħallem it-Taljan. Aktar tard beda jmur l-Iskola tal-Għarbi fil-Belt Valletta[3]. F'Mejju 1785 rebaħ l-ewwel premju f'din l-iskola. F'April tal-istess sena sarlu l-kuntratt għall-patrimonju sagru[4] biex ikun jista' jibda t-triq biex isir qassis u tliet xhur wara mar Ruma biex ikompli jistudja. Hemm fl-ewwel tliet snin studja fil-Kulleġġ Urban tal-Propaganda Fede u s-seba' snin ta' wara għaddihom jistudja u jgħallem fl-Università La Sapienza fejn għall-ħabta tal-1790 inħatar Professur tal-Liturġija u l-Ilsna Orjentali. Kemm dam Ruma ppubblika ktejjeb tal-alfabett Malti[5], l-ewwel grammatika[6] tiegħu tal-Malti, u lesta x-xogħol fuq id-dizzjunarju tiegħu – il-*Lexicon*[7] li kien mitbugħ ftit wara li ħalla Ruma. Kemm dam Ruma kien jagħmel ukoll xi negozju fil-qotnina.

Wera ħiliet mhux tas-soltu. Mill-1781 'il qudiem tgħallem ħafna ilsna barranin: it-Taljan, il-Latin, l-Għarbi, il-Grieg, l-Ebrajk, l-Etjopiku, is-Sammaritan, il-Feniċju u s-Sirjak fiż-żewġ djaletti tiegħu (il-Ġakobita u n-Nestorjan jew Siro-Kaldajk). Kien jaf ukoll l-Istorja u t-Teoloġija u kellu idea tajba tal-Kotba Mqaddsa. Waqt żjara f'Palermo wrewh kitbiet fuq lapidi ta' oqbra miktubin b'karattri kufiċi li ħadd ma seta' jaqrahom. Hu fissirhom u t-tifsir kien stampat fl-1793. Dan wera l-ħila mhux tas-soltu tiegħu għaliex l-alfabett kufiku mhux ħafif u dawn kienu kitbiet mhux komuni. **Kien ġenju**!



Lura f'Malta f'April 1795 fetaħ skola għat-tagħlim tal-Ilsien Malti. Ried li l-Ordni tal-Kavallieri ma tibqax tiġġieled kontra l-Misilmin u minflok tiftaħ il-portijiet Maltin għall-kummerċ ma' kull pajjiż, kif ukoll li tiftaħ fergħa jew lingwa għall-Maltin li jridu jsiru kavallieri. **Il-ħolma kbira tiegħu kienet li Malta u l-Ilsien Malti jiksbu rikonoxximent u rispett** – xi ħaġa li qatt ma kellhom mill-barranin. Issuġġerixxa li t-tfal kollha ta' Malta u Għawdex jitgħallmu jaqraw u jiktbu

bil-Malti biex dan ikun il-muftieħ għal kull tagħlim ieħor. Ried li l-bosta kappelli żgħar imxerrda ma' Malta kollha jinfetħu kuljum biex fihom isir it-tagħlim tal-qari u kitba bil-Malti kif ukoll tagħlim tad-duttrina. L-għalliema kellhom jitħallsu mill-ħafna benefizzji li kien hemm fil-Knisja Maltija.

Meta ra li s-suġġerimenti ġodda u rivoluzzjonarji li għamel lill-Ordni kienu mwarrba, ngħaqad ma' grupp ta' Maltin u xi Kavallieri Franċiżi, li kienu favur l-ideat ġodda li ħarġu mir-rivoluzzjoni Franċiża. Ikkonfoffaw sabiex ikeċċu 'l-Ordni tal-Kavallieri minn Malta iżda fil-11 ta' Mejju 1797, inkixfet il-konfoffa u hu, meqjus bħala kap, kien ikkundannat għal għomru l-ħabs. Imma f'Marzu 1798, ħarab mill-ħabs bl-għajnuna ta' xi kavallieri Franċiżi u mar Franza.

Meta reġa' lura Malta ftit wara l-miġja ta' Napuljun fl-1798, inqabad fil-Belt Valletta meta beda l-imblokk tal-Franċiżi mill-Maltin fit-22 ta' Settembru 1798. Fit-28 ta' Settembru inħareġ mill-Belt flimkien ma' 200 Maltin oħra, aktarx għax marad. B'ordni tal-Kaptan Alexander Ball reġa' sab ruħu l-ħabs, fl-Imdina, u wara t-tluq tal-Franċiżi ħaduh fil-ħabs tal-Belt. Fis-16 ta' Settembru 1800, l-awtoritajiet Ingliżi kkundannawh għal eżilju għal għomru fl-Afrika ta' Fuq. Fil-15 ta' Jannar 1801, ħaduh Tuneż u minn hemm hu mar Franza fejn dam mad-dsatax-il sena.

Matul daż-żmien, aktarx madwar l-1813, iżżewweġ lil Katerina Formosa De Fremaux. Kellhom tliet subien: Grabiel, Saver u Mikiel Anton. L-ewwel tnejn twieldu f'Marsilja u ż-żgħir fi Spanja. Fl-1820 ġie lura Malta u sab ruħu jgħix f'għaks u ġuħ kbir. Fl-1823 ħbieb tiegħu pprotestanti kienu qabbduh[8] jaqleb għall-Malti xi kotba tal-Bibbja biex jużawhom fil-ħidma tagħhom li jxerrdu t-tagħlim reliġjuż tagħhom. Minħabba l-faqar li kien fih huwa aċċetta u laħaq qaleb l-erba' Evanġelji[9] u l-Atti tal-Appostli li kienu ppubblikati ftit wara li miet. Interessanti li ma ħadimx fuq it-test tal-Bibbja pprotestanta Ingliża imma fuq il-verżjoni Latina (imsejħa Vulgata) tat-test uffiċjali tal-Knisja Kattolika. Fil-21 ta' Frar 1825, l-Università ħatritu Professur tal-Malti. Dan seħħ bis-saħħa ta' John Hookham Frere li wasal biex iħallas minn butu s-salarju tiegħu[10] u anke għenu biex jistampa l-kotba tiegħu. Ħareġ it-tieni verżjoni tal-grammatika[11] tiegħu maħduma bit-Taljan minflok bil-Latin, u lesta wkoll *Ktieb il-Qwiel Maltin*[12], li fih ġabra ta' 863 qawl, proverbju u espressjonijiet idjomatiċi, anke li huma spjegati bit-Taljan.

Meta miet, fit-12 ta' Jannar 1829, qamet kwistjoni dwar id-difna. Ħbiebu l-Protestanti ġabru l-flus bejniethom għad-difna imma deherilhom li kellu jindifen f'ċimiterju Kattoliku peress li sal-aħħar qatt ma kien telaq din ir-reliġjon. Imma l-Knisja Maltija kellha preġudizzju qawwi kontrih minħabba l-ħidma tiegħu fuq il-Bibbja għall-Protestanti u ma riditx tidfnu bir-rit Kattoliku. Il-Kurat[13] ta' San Pawl tal-Belt Valletta, li kien ilu jħares bl-ikrah lejn Vassalli[14] ġab l-iskuża li Vassalli qatt ma kien ressaq ċertifikat taż-żwieġ tiegħu u għalhekk dan kien ifisser li aktarx kien iżżewweġ barra l-Knisja Kattolika. Għalhekk il-Protestanti, bil-permess tal-armla, difnuh f'wieħed miż-żewġ ċimiterji li kellhom wara x-Xagħra tal-Furjana. Aktarx li qabru qiegħed fiċ-ċimiterju ta' fuq is-sur tal-Imsida msejjaħ Ġnien il-Mistrieħ. F'Mejju 1986 twaqqaf monument sabiħ f'post prominenti fid-daħla għal Ħaż-Żebbuġ biex ifakkar lil dan il-Malti kbir. Iżda l-aqwa monumenti għall-memorja ta' Mikiel Anton Vasalli huma r-rikonoxximent ta' Malta bħala nazzjon u l-għarfien tal-Ilsien Malti. Dan l-ilsien hu forsi l-aktar ħaġa li tagħżilna minn popli oħra u għandna nkunu kburin li minkejja ċ-ċokon ta' pajjiżna għandna lsien rikonoxxut. Mhux kull pajjiż jista' jgħid dan.

**Biblijografija:**


- Aquilina Prof. Joseph. "Mikiel Anton Vassalli (1764-1829)", *Times of Malta*, 30.08.1977.
- Azzopardi, Dun Ġwann. "Ħames Dokumenti", *sagħtar* ta' Marzu 1979, pp16-20.
- Bonavia Carmel. "Mikiel Anton Vassalli's Commercial Activity", Sunday Times, 30.10.1988.
- Butcher, May. "Mikiel Anton Vassalli and His Times (translation), 1940.
- Cachia, Mons Lawrenz. Mikiel Anton Vassalli – Ħajtu fil-Qosor, Malta, 1988.
- Cassar Pullicino, Ġuże. "Mikiel Anton Vassalli in 1798-99" (3 parts), *Sunday Times*, 21 u 28.02.1982 u 7.3.1982, p 15.
- Cassar, Dr Paul. The Quest for Mikiel Anton Vassalli, Malta, 1981.
- Ciappara, Prof Frans. *Sunday Times*, 19.06.1983.
- Ciappara, Prof Frans. "The School of Arabic in Malta" (1772-1795), *Sunday Times*, 3.07.1983.
- Ciappara, Prof Frans. "Mikiel Anton Vassalli's Sacred Patrimony", *Sunday Times*, 2.03.1986.
- Ciappara, Prof Frans. "Mikiel Anton Vassalli studied for the Priesthood", *Sunday Times*, 9.03.1986.
- Ciappara, Prof Frans. "Mikiel Anton Vassalli in the Correspondence of Inquisitor Carpegna", *Sunday Chronicle*, 2.10.1988.
- Costa, Michael. "Mikiel Anton Vassalli", *It-Torċa*, 12.08.1973.
- Cremona, Ninu. "Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu", *Il-Malti* 1932-37 (u stampat fi ktieb fl-1937).
- Fenech, Fr Edward. Vassalli u Kitbietu, Malta, 1977.
- Friggieri, Prof Oliver. "Mikiel Anton Vassalli F'Għeluq il-150 Sena Minn Mewtu", *Sagħtar* ta' Marzu 1979.
- Kirkpatrick R.G., "Vassalli's Burial Place", ittra fis-*Sunday Times*, 14.12.1986.
- Pace Paul. "Vassalli & the Cotton Industry", Malta University Library, Unpublished. Thesis.
- Sammut Frans. *Il-Ħolma Maltija*, Malta, 1994.
- Sant, Prof. Mgr. Carmel: L-Aħħar Jiem ta' Vassalli, Sijon, vol 7,nos 3-4, p75, 1975.
- Sant, Prof. Mgr. Carmel. "Mikiel Anton Vassalli & the Church", *Sunday Times*, 12.08.1979.
- Sant, Prof. Mgr. Carmel. "Tagħrif ġdid fuq Mikiel Anton Vassalli", *Leħen il-Malti*, nru 22, p5 u *Sunday Times*, 12.08.1979
- Sant, Prof. Mgr. Carmel. "Myth Making", *The Times*, 2.05.1980.
- Sant, Prof. Mgr. Carmel. "Mikiel Anton Vassalli's Sojourn in Rome", *Sunday Times*, 3.04.1983.
- Sant, Prof. Mgr. Carmel. "Vassalli's Burial Place", ittra fis-*Sunday Times*, 23.11.1986.
- Serracino Inglott, Eric. "Vassalli's Lexicon", *Sunday Times*, 13.12.1981.
- Vassallo, Ġan Anton. *History of Malta*, Malta, 1890, p612.
- Zarb, Prof S.M., O.P.P., "Grabiel Fabricy O.P. u Mikiel Anton Vassalli", *Il-Malti*, nru 7, 1931, pp 43-45.


Ħajr lil Olvin Vella għal għajnuna oħra.

**Referenzi**

[1] Missieru Grabiel Vassallo kien iben Mikiel u Duminka neè Mamo u ommu Katarina Magro kienet bint Antonio u Marcella neè Vella. Grabiel kellu 28 sena u Katarina 22 sena meta żżewwġu fil-15 ta' Jannar 1761 fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ.

[2] Marċella twieldet fit-22 ta' Diċembru 1761, Filippu Saver twieled fis-27 ta' Novembru 1765.

[3] immexxija minn Dun Ġużepp Calleja, minn Ħal Tarxien.

[4] Fis-17 t'April 1785, għand in-Nutar Giuseppe Bonavita f'Ħal Qormi.

[5] Alfabet Malti mfysser byl Malti u byt-Taljan, Ruma, 1790.

[6] Grammatica Melitensis, Ruma, 1791.

[7] KTYB YL KLYM MALTI, mfysser byl-Latin u byt-Taljan, sive Liber Dictionum Melitensium, Ruma,1796.

[8] Ikkummissjonawh biċċa xogħol bi ħlas, xi ħaġa li kellu bżonn biex jgħajjex 'il-familja.

[9] Quatuor Evangelia, et Actus Apostolorum, juxta Vulgatam Romae AD MDXCII Editam Versio Melitensis, Londra, 1828.

[10] Din kienet kundizzjoni imposta mill-awtoritajiet Ingliżi, meta aċċettaw it-talba ta' Hookham Frere.

[11] *Grammatica della Lingua Maltese*, Malta, 1827.

[12] *Motti, Aforismi e Proverbii Maltesi*, Malta, 1828.

[13] Rev. Kanonku Michele Cilia.

[14] Fl-1828 Vassalli kien joqgħod f'Numru 2, "Strada Misida detta tal Guarda Manga, Pietà", li kienet tagħmel mal-Parroċċa ta' San Pawl, l-Belt Valletta. Il-Kurat ta' din il-parroċċa kien jiddeskrivi lil Vassalli u lil familtu bħala suspettużi.